

Konvenuta: Sucession Karsten Eigil Rasmussen

Dispożittiv

- 1) Il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, kif ikkonkretizzat mid-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, anki f'tilwima bejn individwi, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ċċaħħad impjegat mid-dritt li jibbenefika minn allowance ta' tkeċċija peress li dan tal-aħħar jista' jibbenefika minn pensjoni tax-xjuħija dovuta mill-persuna li timpjegat abbażi ta' skema ta' pensjoni li dan l-impjegat ikun aderixxa magħha qabel l-età ta' 50 sena, indipendentement minn jekk ikunx għażel li jibqa' fis-suq tax-xogħol jew li jirtira
- 2) Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li hija l-qorti tar-rinviju, adita b'kawża bejn individwi li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, li, meta tkun qed tapplika dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha, għandha tinterpretahom b'tali mod li jkun jistgħu jiġu applikati b'mod konformi ma' din id-direttiva jew, jekk tali interpretazzjoni konformi tkun impossibbli, li tħalli, jekk meħtieġ, mhux applikata kull dispożizzjoni ta' dan id-dritt nazzjonali, li tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età. La l-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u lanqas l-possibbiltà għall-individwu li jħossu ppreġudikat mill-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni li jinvoka r-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħu jqiegħdu f'dubju dan l-obbligu.

(¹) ĠU C 421, 24.11.2014.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-7 ta' April 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Johannes Evert Antonius Massar vs DAS Nederlandse Rechtsbijstand Verzekeringsmaatschappij NV

(Kawża C-460/14) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Assigurazzjoni għall-ispejjeż legali — Direttiva 87/344/KEE — Artikolu 4(1) — Libertà ta' għażla tal-avukat mill-persuna assicurata — Proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva — Kunċett — Awtorizzazzjoni mogħtija minn organu pubbliku lil persuna li timpjega fid-dawl tax-xoljiment ta' kuntratt tax-xogħol)

(2016/C 211/14)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Johannes Evert Antonius Massar

Konvenuti: DAS Nederlandse Rechtsbijstand Verzekeringsmaatschappij NV

Dispożittiv

L-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 87/344, tat-22 ta' Ġunju 1987, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "proċedura [proċedura amministrattiva]" imsemmi f'din id-dispożizzjoni jinkludi proċedura li fi tmiemha organu pubbliku jawtorizza lill-persuna li timpjega tipproċedi għat-tkeċċija tal-impjegat, kopert minn assigurazzjoni għall-ispejjeż legali.

(¹) ĠU C 448, 15.12.2014